**16 ta' Novembru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Catherine Abdilla

*versus*

Carmel Abdilla

**Appell - Kawtela ta' - *Cautio Iuratoria* - Garanzija bil-Ġurament - Mezzi Finanzjarji - *Probabilis Causa Litigandi* - Artikoli 209, 249 u 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell ammettiet lill-appellanti għall-benefiċċju tal-garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell bil-ġurament.*

*Il-Qorti:-*

Din hi kawża li l-attriċi għamlet kontra l-konvenut żewġha għas-separazzjoni personali, għall-affidament tal-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tagħhom, għall-ħlas ta' retta alimentari għaliha u għall-istess minuri u biex tiġi awtorizzata biex tieħu pussess u tamministra l-proprjetà parafernali tagħha skond l-artikolu 50 tal-Kodiċi Ċivili;

Din il-Qorti trid qabel xejn tiddelibera u tiddeċidi s-segwenti rikors ta' l-attriċi biex tiġi ammessa għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament;

"Illi l-esponenti rċeviet l-avviż skond l-artikolu 209 u 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn ġiet mitluba tħallas il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża, liema jammontaw għal Lm1634 (elf, sitt mija, erbgħa u tletin lira Maltija);

Illi l-esponenti m'għandhiex il-mezzi sabiex tħallas dawn l-ispejjeż peress illi tgħix bl-għajnuna soċjali;

Illi ukoll sfortunatament iben l-esponenti ilu ħmistax-il sena *fil-problema tad-droga u kull sold illi* l-esponenti jirnexxielha twarrab mill-ammont żgħir illi tipperċepixxi tużah sabiex tipprova tikkura lil binha u tirriabilitah. Ovvjament dan mhuwiex biżżejjed u l-esponenti ukoll kull tant ikollha tiddejjen sabiex tiddepożita flus il-Qorti li jservu għall-ispejjeż legali u

depożiti għal-libertà provissorja ta' binha;

Illi l-esponenti tixtieq illi tipprevalixxi ruħha mill-fakultajiet illi jagħti l-artikolu 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, peress illi l-esponenti qed tikkonferma bil-ġurament illi hija ma rnexxilhiex iġġib dik il-garanzija meħtieġa fil-liġi u peress illi hija għandha *prima facie probabilis causa litigandi*;

Illi l-*probabilis causa litigandi* tikkonsisti fil-fatt illi, bir-rispett, id-deċiżjoni tal-Qorti ngħatat mingħajr ma l-Qorti kkunsidrat ix-xhieda mogħtija mill-esponenti bir-reqqa, fil-fatt il-Qorti mhux biss naqset illi tordna lill-konvenut irodd lura l-oġġetti parafernali ta' l-esponenti li baqgħu fid-dar konjugali, talli assenjat lill-appellat u lil uliedu l-użu tad-dar matrimonjali, b'dan illi dan l-użu kellu jintilef kemm-il darba l-appellat jabita fid-dar matrimonjali ma' persuni oħra, u sakemm jibqa' hu hekk jabita fid-dar matrimonjali biss ma' l-imsemmija uliedu;

Illi bir-rispett jirriżulta illi l-Ewwel Qorti għaddiet għal din id-deċiżjoni mingħajr ma daħlet fil-kwistjoni illi skond ix-xhieda ta' l-esponenti kien diġà rriżulta illi l-appellat kien diġà qiegħed jgħix ma' mara oħra li minnha għandu l-ulied u li waħda biss minn uliedu kienet qed tgħix miegħu u għalhekk l-interess ta' l-esponenti illi tikkontesta s-sentenza;

Għaldaqstant l-esponenti, għar-raġunijiet suesposti, titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament peress illi *prima facie* hija għandha *probabilis causa litigandi*";

Il-Qorti kkostatat illi l-ammont stabbilit mir-Reġistratur b'depożitu in kawtela għall-ispejjeż tal-kawża kien jammonta

għal Lm1634. Din il-Qorti semgħet il-provi dwar il-mezzi ta' l-attriċi appellanti u kkostatat illi dawn ma kienu bl-ebda mod jippermettulha illi tiddepożita din is-somma in kawtela. Hi ukoll sodisfatta illi fiż-żmien stabilit mil-liġi, l-appellanti ma setgħetx jirnexxilha ġġib din il-garanzija meħtieġa skond il-liġi. Dan l-istess appellanti kkonfermatu bil-ġurament quddiem din il-Qorti li ma għandhiex raġuni tiddubita mill-korrettezza tiegħu;

Jibqa' għalhekk x'jiġi deċiż jekk l-appellanti werietx *prima facie* li għandha *probabilis causa litigandi*. Fil-verità ma kienx meħtieġ għal din il-Qorti illi tisma' t-trattazzjoni dwar il-meritu għaliex jidhrilha illi din il-*causa probabilis litigandi* tirriżulta kjarament mill-atti tal-kawża. Infatti, wieħed mill-ilmenti prinċipali ta' l-appellanti hu illi s-sentenza appellata ma pprovdietx għall-kundanna tal-konvenut biex irodd lura l-oġġetti parafernali tagħha u li kienu baqgħu fid-dar konjugali. Dan l-aggravju, kkunsidrat fid-dawl tad-decide tas-sentenza appellata, jista' jagħti lok għall-koniderazzjoni ulterjuri u għal aktar kjarezza fid-dispositiv tas-sentenza appellata. L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' l-allegazzjoni illi l-konvenut qiegħed attwalment jikkoabita ma' persuna oħra fid-dar konjugali, meta din skond l-istess sentenza, kellha tiġi mqiegħda a disposizzjoni tiegħu u ta' l-ulied miż-żwieġ ad esklużjoni ta' terzi persuni. Jokkorri allura adegwatament l-element tal-*probabilis causa litigandi* biex jiġġustifika t-talba ta' l-attriċi appellanti biex tiġi ammessa għal *cautio iuratoria*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba tagħha li tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament kif dispost fl-artikolu 904 tal-Kap. 12 u l-kawża tibqa' differita għat-trattazzjoni finali.

---